# TITWILA LIS-SANTWARJU TA' L-IMMAKULATA: L-AQWA XOGHOLIJIET TA' L-ARTI FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' BORMLA

**Mill-Kan. Joseph Bonello**

Bħala sinjal ta' l-imħabba li l-Bormliżi dejjem wrew lejn l-Immakulata, huma marru jżejnu t-Tempju b'ħafna opri artistiċi u ta' preġju kbir. Dawn l-opri jagħmlu dan is-Santwarju veru ġawhra ta' l-Arti li tagħmel unur lill-Bormliżi ta' kull żmien, li dejjem fittxew u stinkaw biex iżejnu dan it-tempju mill-aħjar li jistgħu. Tajjeb, għalhekk, li dis-sena nagħtu xi tagħrif interesssanti dwar l-aqwa xogħlijiet li għandna fil-Knisja Kolleġġjata tagħna.

## L-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI

Igħidu x-xjuħ tagħna li l-istatwa tal-Kunċizzjoni skolpietha Suor Maria de Domenicis, Karmelitana, allieva ta' Mattia Preti. Din il-vara ġiet miksija bil-fidda mid-Ditta Ghezzi & Figli ta' Milan, fis-sena 1905, fuq id-disinn ta' l-iskultur Bormliż Abram Gatt. Snin wara ġiet imżejna b'bosta djamanti, deheb u ħaġar prezzjuż, fosthom 167 stilla tad-deheb bi djamant f'nofshom.

Il-frotta f'ħalq is-serpent hija tad-deheb; l-istillarju u l-qamar miżgħuda bid-djamanti, kollha mogħtija mid-devoti Bormliżi. Fuq ras is-serp hemm topazju kbir u prezzjuż (daqs ġewża żgħira) mogħti mill-Baruni Barbaro di S. Giorgio l-ewwel president u Fundatur tal-Banda S. Ġorġ.

Il-famuż pedestall, wieħed mill-aħjar nett ta' Malta huwa disinn ukoll ta' Abram Gatt u tlesta fis-sena 1925. Fil-festa din l-Istatwa tkun taħt mant rikk ħafna u fuq bradella artistika, xogħol tajjeb ferm fuq il-qadim mis-sorijiet taż-Żejtun.

Fil-gwerra ta' l-1940-45 din l-istatwa ġiet meħuda f'B'Kara, minn fejn ġiet trasportata bil-mixi flimkien mal-Kwadru tal-Kor, f'Pellegrinaġġ Nazzjonali, il-Ħadd, 19 ta' Novembru 1944.

## L-ALTAR MAĠĠUR

L-Altar Maġġur huwa meqjus bħala wieħed mill-isbaħ altari ta' Malta. Fil-festa jkun imżejjen bi tlettax-il Kandlier tal-fidda, disinn ta' Abram Gatt, mogħtija lill-Knisja mill-Familja Caruana (Taż-Żoċċlu); sitt Appostli wkoll tal-fidda li saru ftit taż-żmien ilu, fuq l-istil tal-Bernini; il-ventaltar tal-fidda ta' preġju li ma bħalu, xogħol tad-Ditta CANNATACI u disinn ta' Dr. Nikola Zammit. Hemm ukoll sitt kandlieri żgħar tal-fidda, sbieħ ferm, maħduma mid-Ditta F. CASSAR & SONS ta' Bormla.

L-Ostensorju fuq pedestall tal-fidda hu mimli djamanti u ħaġar prezzjuż; dan ġie mogħti lill-knisja minn Natal Azzopardi u huwa disinn ta' Abram Gatt. Barra l-armar tal-festa, l-altar maġġur għandu diversi settijiet ta' kandlieri u appostli, fosthom ta' min isemmi l-famuż sett (appostli u kandlieri) xogħol mill-aqwa ta' Marjanu Gerada. It-tużel, sempliċi iżda sabiħ sar fuq id-disinn ta' Nikola Zammit.

## L-ALTAR TAL-KOR

Il-faċċata ta' l-irħam tal-Kor hija mill-isbaħ li għandna Malta. Il-Kwadru-Santwarju tal-Kor huwa xogħol tal-pittur Pietru Pawl Caruana u sar fis-sena 1826. L-idea ta' dan il-kwadru devot kienet tal-Kanonku DUN LUDOVIKU MIFSUD TOMMASI, teologu magħruf, poeta Malti mill-aqwa u Bormliż devot kbir tal-Madonna. Il-pittur Caruana jirnexxilu fuq suġġerimenti tal-Kanonku Tommasi, jiġbor b'suċċess kbir il-privileġġi kollha tal-Madonna, skond it-tagħlim tad-Dottrina Kattolika.

Il-kuruna fuq ras il-Madonna tqiegħdet mill-Kardinal Domenico Ferrata fis-sena 1905. Din il-kuruna hija tad-deheb imżewqa b'ħafna djamanti u ħaġar prezzjuż, disinn ta' Abram Gatt. Fis-sena 1955 il-Kardinal Federico Tedeschini dawwar bi stellarju ras il-Madonna. Kull stilla ta' dan l-Istellarju hija tad-deheb imżejna bid-djamanti fini.

Il-važetti, il-gwarniċ tal-Papa Piju X (xogħol tal-pittur Zejtuni Gius. Caruana) u żewġ kuruni li jitqiegħdu fil-festa huma tal-fidda, xogħol tad-Ditta F. Cassar & Sons. Il-fjuretti tal-lama nħadmu mis-Sorijiet ta' Sta. Skolastika tal-Birgu. Il-kwadru sabiħ



ċkejken li hemm f'nofs l-altar huwa l-uniku xogħol fil-mużajk li hemm fil-Knisja.

**PITTURA**

Il-pittura tal-Koppla u l-kwadri fis-saqaf tal-Kor u tal-Kappelluni huma xogħol ta' Viriglio Monti, Taljan; dawn saru flok oħrajn li kienu ta' Ġuiseppe Calì Kien żball li tneħħew tal-Calì; sbieħ, anzi famużi huma l-appostli fis-saqaf u l-lunetti (il-Profeti) ta' taħt il-koppla, xogħol tal-magħruf Calì; ta' l-istess artist hija l-pittura fil-koppla u l-lunetti tal-Kurċifiss.

Ħafna kwadri li hemm fil-Knisja huma ta' Artisti magħrufa; il-kwadri tal-ġnub tal-Kor u dawk ta' Santa Katerina, tal-Pentekoste u ta' Sant' Andrija huma taċ-ċelebri Francesco Zahra, San Mark u tal-ġnub tal-kappelluni huma tal-Bormliż Rokku Buhagiar; tal-Grazzja huwa mpitter mill-Favray u ta' San Gwann huwa opra ta' Alessio Erardi menti tal-Kappella huwa ta' Patri Ġan Nikola Buħagiar. Opra artistika sabiħa fuq il-lavanja huwa l-kwadru żgħir ta' Santu Kristu.

Fis-Sagristija nsibu pitturi oħra; fost oħrajn hemm ix-Xbiha tal-Madonna li antikament kienet fil-kor, impittra mill-pittur Gimack u l-Qalb ta' Ġesù, xogħol tajjeb ta' G. Calì; hemm ukoll il-pitturi sbieħ ta' Piju VI, l-Isqof Mattei, il-Kardinal Ferrata u oħrajn, kollha ta' artisti ta' fama.

**OPRI TAL-FIDDA**

Forsi din il-knisja ta' Bormla hija l-aktar magħrufa għall-ħafna opri tal-fidda li tip-possiedi. Barra l-Istatwa u l-armar ta' l-Altar Maġġur, jinsabu tnax il-ventaltar kollha maħdumin b'sengħa kbira, speċjalment dak ta' San Mark. Hemm erbatax-il missal tal-fidda ħafna minnhom disinn ta' Abram Gatt.

Ta' min isemmi l-erbgħa u għoxrin važett tal-Fjuretti, żewġ fjakkijiet kbar u sitta żgħar, barra għadd kbir ta' Lampieri, kollha tal-fidda antikissima; il-Mazza saret mid-Ditta Ghezzi ta' Milan fuq id-disinn ta' Abram Gatt.

Fil-festa tal-Kunċizzjoni, il-gradenzina tkun mimlija b'buqari, sottokoppi, ċnieser

u oġġetti oħra, kollha tal-fidda ta' preġju kbir; hemm ukoll żewġ sferi, waħda minnhom hija mimlija bid-djamanti; sbieħ. ferm huma l-akkolti u s-Salib tal-Kleru, ibbanjati bid-deheb, disinn ta' Abram Gatt. Il-girandola tal-fidda hija opra ta' l-arġentier Bormliż, Wiġi Dalmas; saret fis-sena 1819, u swiet 3,347 skud.

Fis-Sagristija, nhar il-festa, wieħed ikun jista' jara l-kalċijiet kollha li tipposiedi l-knisja. Fosthom insibu dawk tal-Papa Piju X, tal-Kardinal Ferrata u tal-Papa Ljun XIII. Sbieħ tassew u uniċi f'Malta huma l-gastri ta' mal-pilastri, disinn ukoll ta' Abram Gatt.



*Il-Kwadru u l-artal li jinsabu fil-kor*

## XOGHLIJIET FL-INJAM

Insibu tlettax-il vara ta' l-injam li kollha huma opri ta' artisti ċelebri, fosthom dawk ta' San Mikiel u San Ġwann jgħammed lil Kristu, xogħol tal-magħruf Bormliż Marjanu Ġerada. L-iskultur Pawlu Azzopardi ħadem il-vari tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Sant' Agata u Kristu mal-Kolonna, L-Ecce Homo u r-Redentur. Il-Bormliż Salvu Psaila (dak li għamel Sta. Liena ta' B'Kara) skolpixxa l-vara ta' Sant'Andrija. Hemm kwantità kbira ta' kandlieri ta' l-injam kollha maħdumin minn skulturi ta' l-affari tagħhom. Ta' min isemmi l-Anġli tal-mant u tas-Salib, xogħol ta' l-Artist Vincenzo Bonnici.

## OPRI OHRA

L-Apparat hu rrakkmet u kompit, u speċjali hija l-Kappa taċ-ċelebrant, kif ukoll l-għata tal-leġiju ta' l-Evanġelju. Dan l-Apparat sar fis-sena 1860 fuq disinn ta' Dr. Nikola Zammit, u qam is-somma ta' 2,657. Min jaf kemm iqum il-lum? Il-Kappella tas-Sagrament hija mgħammra b'tapezzerija Canavazzo d'oro li hija mprezzabbli. L-altari għandhom trieħi sbieħ tal-bellus, ir-rakkmati bid-deheb, devota hija x-xbiha tal-Madonna tas-Saħħa mdawra bi gwarniċa tal-fidda. Sbieħ huma l-Istandardi bis-slaleb u l-lanterni tal-fratellanzi kollha. Mhux ta' min iħalli barra l-qniepen, li l-kbira fosthom saret bil-ġbir fl-1895 mill-funditur Bormliż Giulio Cauchi li magħha għamel erbgħa oħra. Fuq l-Artal tal-Kurċifiss jinsab salib kbir ta' qima kbira, miġjub minn Kandja fl-1679 minn Patri Dumnikan. Imiss mal-Knisja naraw l-Oratorju, li huwa tassew sabiħ, spażjuż u mimli skultura fil-ġebel.

Dawn l-opri kollha u ħafna oħrajn jagħmlu l-Knisja ta' l-IMMAKULATA veru ġawhra ta' l-Arti Sagra, li żgur juru d-devozzjoni u l-imħabba li l-Bormliżi dejjem kellhom lejn il-Madonna.